# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Guramentat Numru : 636/2014/LSO**

**Francesco Portelli pro et noe**

**vs**

**Anthony Degiorgio**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Anthony Degiorgio (ID 0036368 (M) datat 20 ta' Jannar 2016 fejn espona: -

Illi permezz ta' rikors tas-27 ta' April 2015, l-atturi talbu korrezzjoni fir-rikors promotur, kemm fit-13-il premessa kif

ukoll fir-raba' talba taghhom sabiex effettivament izidu talba ghad-danni rizultanti ta' hsarat li allegatament saru fil-fond *de quo* anke bl-uzu tal-istess fond;

Illi permezz ta' digriet tas-17 ta' Lulju 2015, dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-atturi, peress li l-Qorti kienet tal-fehma illi:

'kemm l-azzjoni odjerna kif wkoll l-eccezzjonijiet ser jinbidlu fis-sustanza taghhom f'kaz li t-talba tigi akkolta'.

Illi b'rikors iehor tal-5 ta' Ottubru 2015, l-atturi ghamlu talba simili, jekk mhux identika, ghal dik kontenuta fir-rikors taghhom tas-27 ta' April 2015, izda din id-darba dina l-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet tat-3 ta' Novembru 2015, irrevokat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju 2015 u ordnat li ssir korrezzjoni tar-rikors promotur fit-termini **tal-artikolu 175(1) tal-Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** kemm fit-13-il premessa kif ukoll fir-raba' talba taghhom billi fi tmiem it-tlettax-il premessa jizdied il-kliem *"u fit-tielet lok b'rizultat tal-hsarat li saru fil-fond anke bl-uzu tal-istess fond";* filwaqt li fir-raba' talba attrici jizdied il-kliem *"u b'rizultat tal-hsarat li saru fil-fond u bl-uzu tal-istess fond."*

Illi bir-rispett jinghad illi, a kuntrarju ta' dak kontenut fl-istess digriet, b'dan id-digriet l-esponent ser jigi pregudikat gravement ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'l isfel.

Illi jibda biex jinghad illi *ai termini* ta' l-Artikolu 229 (10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, id-digriet *in camera* tat-3 ta'

Novembru 2015 jitqies li nqara bil-miftuh fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2016, *stante* li s-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 kienet giet differita mill-Qorti nfisha.

Illi l-esponent sejjer ghalhekk jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti bis-sahha ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob permess sabiex isir appell mid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015.

Illi jibda biex jinghad illi fl-effetti tieghu, id-digriet tat-3 ta' Novembru 2015, bir-rispett, imur dijametrikament kuntarju ghal dak ta' dina l-Onorabbii Qorti stess tas-17 ta' Lulju 2015. Fil-mertu, fl-ewwel digriet, il-Qorti kienet iddikjarat illi kemm -il darba t-talba tar-rikorrenti kellha tintlaqa', kemm l-azzjoni odjerna kif wkoll l-eccezzjonijiet ser jinbidlu fis-sustanza taghhom. Minn dan ma nbidel propju xejn bejn l-ewwel u t-tieni rikors, fis-sens illi fil-fatt bil-korrezzjoni li giet issa awtorizzata li ssir, l-azzjoni odjerna kif ukoll l-eccezzjonijiet xorta wahda ser jinbidlu fis-sustanza taghhom.

Illi bir-rispett jinghad illi r-ragunijiet avvanzati minn dina l-Onorabbli Qorti fid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015 ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici, senjatament il-fatt illi l-intimati ghadhom ma bdewx iressqu l-provi taghhom, ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-kawza u l-eccezzjonijiet ser jinbidlu fis-sustanza taghhom. Lanqas ma jbiddel xejn id-diskors ta' l-atturi dwar l-ekonomija tal-gudizzju. Li kieku l-atturi riedu l-ekonomija tal-gudizzju setghu hasbu sabiex izidu din it-talba propju fil-bidu tal-proceduri, u mhux jinqdew hazin bl-

Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jiccitaw l-ekonomija tal-gudizzju sabiex jitolbu l-korrezzjonijiet li jridu. Illi jigi ribadit anzi, illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkonsentix illi jsiru talbiet bhal dawk ta' l-atturi, ghax tkun qieghda intrinsikament tbiddel l-azzjoni tentata bil-kawza odjerna, li kienet sa mill-bidu taghha intiza li titlob talbiet specifici, kif jirrizulta mill-kontenut tat-talbiet.

Illi lil minn hekk, l-esponent bir-rispett lanqas ma jaqbel ma' dak li rrimarkat dina l-Onorabbli Qorti dwar l-Artikolu 229 tal-Kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li l-esponent jifhem dak li rrimarkat dina l-Onorabbli Qorti dwar it-termini sabiex issir talba ghal permess ghal appell, jibqa' l-fatt baziku illi l-atturi, sabiex jikkontestaw id-digriet tas-17 ta' Lulju 2015, ma ezercitawx il-jedd taghhom taht l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kellhom dritt, izda semplicement talbu r-revoka *contrario imperio* ta' dak id-digriet, haga li proceduralment hija irrita ghal kollox, propju ghax ir-rimedju li kellhom l-atturi kien taht l-Artikolu 229 u mhux it-talba ghal revoka *contrario imperio.* Minn dan, l-atturi m'ghamlu xejn. Ghandu jinghad anzi, illi l-fatt illi dina l-Onorabbli Qorti, fid-digriet taghha, qed tiddikjara illi l-atturi kienu ghadhom fit-terminu li jagixxu skont l-Artikolu 229, jaghti komfort lit-tezi ta' l-esponent illi l-atturi kellhom jagixxu a bazi ta' dan l-artikolu u mhux bil-mod kif imxew.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponent bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, *ai termini* ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li

tisma' lill-partijiet, taghti permess specjali lill-esponent sabiex jintavola appell mid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Marzu 2016.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tad-Djar ghar-rikors ta' Anthony Degiorgio datata 29 ta' Marzu 2016 a fol 8 tal-process.

Rat ir-risposta tal-attur Francesco Portelli *pro et noe* datata 4 ta' April 2016 a fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 26 ta' April 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Tonio Azzopardi ghall-Francesco Portelli prezenti. Deher Dr Mattia Felice li assocja ruhu fil-patrocinju tal-Awtorita' tad-Djar. Dr Claudio Zammit msejjah tliet darbiet ma deherx. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet prezenti, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghall-digriet ghall-31 ta' Mejju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' dan ir-rikors, Anthony Degiorgio qed jitlob lil din il-Qorti sabiex taghti permess specjali sabiex jintavola appell mid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015, *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12.

Il-**fatti fil-qosor** huma s-segwenti:

Fil-kaz presjedut minn din il-Qorti fl-istess ismijiet bin-numru 636/14, kien intalab korrezzjoni fir-rikors promotur permezz ta' rikors datat 27 ta' April 2015, fejn kien inghata digriet fis-17 ta' Lulju 2015, li cahad it-talba tal-atturi ghall-korrezzjoni. Illi jirrizulta li l-atturi pprezentaw rikors iehor datat 5 ta' Ottubru 2015, fejn din il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tas-17 ta' Lulju 2015, u laqghet it-talba ghall-korrezzjoni *ai termini* tal-artikolu 175(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ordnat li fi tmiem tat-tlettax-il premessa, jizdied il-kliem, "*u fit-tielet lok b'rizultat tal-hsarat li saru fil-fond anke bl-uzu tal-istess fond*", u fir-raba' talba attrici jizdied il-kliem, "*u b'rizultat tal-hsarat li saru fil-fond u bl-uzu tal-istess fond.*"

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Jigi premess li hu pacifiku li digriet interlokutorju hu dak li permezz tieghu tigi deciza xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawza waqt li din tkun ghadha miexja. (Ara "**Philip O.Gatt pro et noe vs Adrian Busietta pro et noe**", P.A. deciza fid-9 ta' Mejju 2002). Dan hu digriet li ma jikkostitwix gudikat ghall-Qorti li tkun ippronunzjatu u konsegwentement jista' jigi soggett ghar-revoka *contrario imperio* tal-istess Qorti. (Ara "**Emanuel Abela vs Perit Fredrick Valentino**", Appell deciz fl-4 ta' Dicembru 1998).

Illi hekk kif gie ritenut fil-kaz "**Alfred Piscopo vs Direttur Servizzi Socjali**", Appell - Vol. LXXVI.ii.252) deciz fl-4 ta' Mejju 1992;

*"Wiehed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwu digriet interlokutorju minn sentenza hu l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jigi revokat "contrario imperio" mill-Qorti li tkun proferitu, dan ma jistax isir f'kaz ta' sentenza*."

Difatti, l-ligi taghna ma tindika mkien li digriet interlokutorju ma jistax jigi revokat contrario imperio. Ghaldaqstant, hu ammess li digriet jigi revokat contrario imperio.

Illi fid-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2015, din il-Qorti fissret ir-ragunament ukoll, billi sostniet li fir-rikors promotur diga hemm talba ghal hlas ta' danni. Ikkonsidrat ukoll li z-zewg konvenuti diga laqghu ghall-addebitu ta' danni b'mod generali fir-risposti taghhom, u *in vista* tal-fatt li l-kaz jinsab fi stadju fejn il-konvenuti ghadhom ma bdewx iressqu l-provi taghhom, gie ritenut li l-konvenuti m'huma ser ibatu l-ebda pregudizzju fil-prosegwiment tal-kaz b'mod li jkun konformi mal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-istess digriet.

Illi l-**Artikolu 175** hu primarjament intiz biex jevita proliferazzjoni ta' skritturi u azzjonijiet gudizzjarji zejda, kemm il darba kull zball, hekk kif irid l-**artikolu 175**, jista' jigi korrett minghajr ma jmiss is-sustanza tal-azzjoni jew id-difiza fil-mertu.

L-**Artikolu 175(1) tal-Kap 12** jipprovdi:

*"Il-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."*

Fil-kaz "**Elisabeth Anne Calabrese vs Ersilia Bigeni**", deciza fit-12 ta' Dicembru 1994, Appell Kummercjali, qalet hekk:

"*Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni(u cjoe` basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni), fil-kaz prezenti il-pretensjoni tal-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel fis-sustanza l-eccezzjoni.'*

Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eccezzjoni tkun proprju tindika l-izball li jigi korrett - sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni. Dan huwa ovvju ghaliex mhuwiex guridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk tinghata l-eccezzjoni. Il-qofol qieghed

fil-precizazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali imma mhux materja ta' sustanza jew li teffettwa s-sustanza.[1]

Difatti, l-**artikolu 175** kif ippromulgat u emendat, serva biex jigu evitati duplicita` ta' kawzi, u biex jigi evitat dak il-formalizmu esagerat, li jista' jwassal biex jigi stultifikat il-kuncett tal-gustizzja.

**Terminu ta' ghaxart ijiem skont l-artikolu 229(3) tal-Kap 12:**

Mill-atti jirrizulta li d-digriet tat-3 ta' Novembru 2015 li rrevoka d-digriet taghha tas-17 ta' Lulju 2015, *inghata in camera.* L-istess digriet li nghata *in camera* fit-3 ta' Novembru 2015, kellu jinqara bil-miftuh fl-udjenza fl-14 ta' Jannar 2016. Anthony Degiorgio qed jikkontendi li t-terminu ta' ghaxart ijiem stipulat fl-**artikolu 229(3) tal-Kap 12** jibda jiddekorri minn meta d-digriet jinqara fil-miftuh.

Da parti tieghu, l-avukat difensur ta' Francesco Portelli, kemm fir-risposta u kemm fit-trattazzjoni, ikkontenda li din il-kawza giet ipprezentata *fuori termine stante* li r-rikors odjern gie prezentat fl-20 ta' Jannar 2016.

---

[1] Ara wkoll **Fenech Estates Co. Ltd. vs HSBC Bank plc** P.A. (JZM) 632/2010 deciza fis-6 ta' Marzu 2012.

Il-ligi hija cara f'dan ir-rigward, peress li ssemmi specifikament li, "……..rikors jigi pprezentat fi zmien ghaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuh fil-Qorti." Ghalhekk, it-terminu ta' ghaxart ijiem jibda jiddekorri minn dakinhar li d-digriet kellu jinqara fil-miftuh u mhux mid-data tad-digriet *in camera*.

*In vista* tas-suespost, proprju ghal dak li jirrigwarda t-terminu ta' zmien, it-talba odjerna ma titqiesx li hi *fuori termine* fil-parametri tat-terminu stabbilit fl-artikolu 229(3) tal-Kap 12.

**It-talbiet tal-intimat fil-kaz in ezami:**

Anthony Degiorgio qed jitlob li jappella mid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015 a bazi tal-artikolu 229(3) tal-Kap 12. Illi dak mitlub ghandu jigi koncess biss jekk jigi meqjus li hu "ahjar u gust" fl-interessi tal-gustizzja. Illi ghalhekk, jinkombi fuq min jaghmel din it-talba ghal appell minn digriet interlokutorju, li jaghti ragunijiet validi bizzejjed li jgeghlu lil din il-Qorti tiehu pass lura u tistenna l-ezitu tal-Appell mid-decizjoni diga mehuda qabel tkompli tisma' l-kaz.

Illi l-argument ta' Degiorgio hu bazat fuq il-fatt li l-**Artikolu 175 tal-kap 12** ma jikkonsentix li jsiru korrezzjonijiet fit-talbiet, hekk kif mitluba mill-atturi, *stante* li dan it-tibdil ikun qed ibiddel l-azzjoni tentata fil-kaz in ezami. Gie sostnut ukoll li bil-korrezzjoni awtorizzata, l-azzjoni u l-eccezzjonijiet ser jinbidlu fis-sustanza taghhom. Gie

sottomess ukoll minn Anthony Degiorgio li l-atturi kellhom jipprocedu *ai termini* tal-artikolu 229 tal-Kap 12, u mhux billi regghu ipprezentaw rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet interlokutorju datat 3 ta' Novembru 2015.

Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tal-atturi isostni li l-azzjoni ghal-likwidazzjoni ta' hlas tad-danni, zdied kap iehor ta' danni, u cjoe` danni konsistenti fi hsarat fil-fond, mad-danni ghall-okkupazzjoni. Illi gie sostnut mill-atturi li d-danni konsistenti fi hsarat fil-fond, fil-fatt irrizultaw mir-ritratti li ha l-Perit Musumeci waqt li qed jesegwixxi l-inkarigu tieghu ta' Perit arkittet nominat mill-Qorti permezz ta' digriet tal-15 ta' Jannar 2015.

Ikkonsidrat li l-Awtorita' intimata wkoll qablet mat-talba odjerna billi, *tramite* d-difensur taghha, ssottomettiet il-kaz odjern jissolleva kwistjonijiet li jehtiegu direzzjoni ulterjuri.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, t-talba odjerna in kwantu mibnija fuq il-kwistjoni jekk huwiex ammissibbli li tintalab ir-revoka ta' digriet kamerali b'rikors semplici u mhux skont l-artikolu 229 tal-Kap 12, u l-kwistjoni trattata fuq l-applikabilita` tal-artikolu 175 ghall-kaz odjern, jissollevaw ragunijiet legali validi li jiggustifikaw li Anthony Degiorgio jinghata l-fakolta` li jistitwixxi appell mid-digriet tat-3 ta' Novembru 2015, u ghalhekk qed tilqa' t-talba tieghu f'dan ir-rigward.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent odjern, u tawtorizzah jappella mid-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru 2015 *ai termini* tal-artikolu 229(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2016**